MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Numru. 1415/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**
**VS**
**LYON BONNICI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Lyon Bonnici ta' 22 sena, bin Stephen u Catherine nee' Falzon, mwieled Pieta fl- 1 ta' Awwissu 1989, residenti 220, Flat 4, Triq Gdida, Hal- Luqa u detentur tal- Karta tal-Identita' bin- numru 465489M;

Talli;

1) Fil- lejl ta' bejn it- 13 u l- 14 ta' Marzu 2011, fi Triq it- Tempji Neolitici, Tarxien, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flus kontanti minn gol- fond Tarxien

Museum, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, bil- valur li jiskorri s- somma ta’ €232.93 izda anqas minn €2,329.37 u bil- hin li sar ghad- detriment tas- Socjeta’ Religjuza tal-Muzew u ta’ Hal- Tarxien;

2) aktar talli fl- istess data, lok u cikostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad- detriment tas- Socjeta’ Religjuza tal- Muzew ta’ Hal- Tarxien, liema hsara ma tiskorrix is- somma ta’ €116.47;

3) ukoll talli kiser il- kundizzjonijiet imposti fuqu skont il- provedimenti tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta b’ sentenza moghtija lilu mill- Qorti ta’ Malta nhar it- 2 ta’ Settembru 2010;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fil-lejl ta’ bejn it-13 u l-14 ta’ Marzu, 2011, l-imputat dahal fil-proprjeta’ tas-Socjeta’ Religjuza tal-Muzew f’ Hal Tarxien, u seraq diversi oggetti ta’ valur. F’Novembru hu gie arrestat u ammetta li kien seraq dawk l-oggetti fl-istqarrija tieghu, esebita fl-atti. Il-Qorti fil-fatt giet infurmata li r-res furtiva giet ritornata kollha lil tal-Muzew. Kien ghad fadal biss hamsin Ewro fi flus li kellhom jigu ritornati. Ghalhekk, bl-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti qed issibu hati u sejra tghaddi ghas-sentenza.

Kwantu ghall-finijiet ta’ piena, l-imputat gia’ ghandu Ordni ta’ Probation moghtija lilu f’Setembru 2010, fuq kaz ta’ serq simili ghal dan. Il-Qorti ghalhekk qed tara li hemm bidu ta’ karriera ta’ attivita’ kriminali, li jekk ma tigix indirizzata minnufih, ser twassal biex l-imputat jispicca jservi sentenzi ta’ prigunerija fil-habs. Madankollu, il-Qorti semghet lill-Ufficjal tal-Probation li qed jissorvelja lill-imputat, li qal li ghad hemm opportunita’ li Lyon Bonnici jinghata aktar ghinuna u direzzjoni fil-hajja tieghu. Ghalhekk – u ghalhekk biss – il-Qorti mhix ser tikkundannah ghal piena karcerarja, izda sejra taghtih l-ahhar opportunita’ li jbiddel hajtu, bl-intendiment car li reat iehor ser iwasslu dritt ghal sentenza ta’ prigunerija.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270 u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l-Artikolu & tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna l-hrug ta’ ordni ta’ probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ hamsin ewro (€50) lis-Socjeta’ Religjuza tal-Muzew ta’ Hal Tarxien fi zmien xahar, ai terminu tal- Artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------